# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

## Illum, l-Erbgha 20 ta' Gunju, 2001.

**Kawza Nru. 43.**
**Citazz. Nru. 786/01 JRM**

**Joseph DEBONO bhala proprjetarju tad-ditta JARDINLAND**

**vs**

**Anthony sive Ninu GALEA u martu Carmen GALEA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih attur wara li ppremetta:

Illi l-attur, bhala proprjetarju tad-ditta Jardinland, biegh u kkunsenja lill-konvenuti serra u kif ukoll accessorji ohra tal-ortikultura u dan ghall-prezz ta' elf, tlett mija u hamsa u tletin lira u erbgha u sebghin centezmu (Lm1,335.74) (Dok.A);

Illi l-konvenuti hallsu lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) akkont u dan fl-1 ta' Ottubru, 2000 (Dok.B);

Illi ghalhekk, sal-lum, il-konvenuti ghad fadallhom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u sitt liri u hamsa u sittin centezmu (Lm1206.65) in parti bilanc minn prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkunsenjata kif fuq intqal u in parti imghax mid-data li l-pagament kien dovut sal-lum;

Illi, ghalkemm interpellati sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm1206.65 lilu dovuta kif fuq intqal;

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-imghax skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra bonarja tal-5 ta' Settembru, 2000, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-attur;

Semghet l-Avukat ta’ l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-attur** u tikkundanna lill-imharrkin jhallsu lill-attur is-somma ta’ elf u hamsa u tletin lira u erbgha u sebghin centezmu ( Lm1035.74);

**Tilqa t-tieni talba tal-attur** u tikkundanna lill-imharrkin ihallsu lill-attur l-imghaxijiet fuq is-somma imsemmija b’effett mill-1 t’Ottubru, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv; u

Tikkundanna lill-imharrrkin ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**20 ta’ Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**20 ta’ Gunju, 2001.**

*20 ta' Gunju, 2001.*